Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 16/2016

Il-Pulizja

Spettur Graziella Muscat

Vs

Stephen Bonnici

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Stephen Bonnici, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 429962M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Jannar, 2009 gewwa l-Germanja u bnadi ohra fid-dinja, b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ghamel jew ipproduca jew ippermetta lijigi mghamlu jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, trasmetta, ghamel disponibbli, akkwista' ghalih innifshu, jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti, liema matarjal jinvolvi persuni ta' taht l-eta m'ghalqux jew m'ghalqitx l-eta ta' disa' snin u/jew l-materjal indecenti juri, jghati stampa ta' jew jirraprezenta persuna/i ta' taht l-eta' involuti f'atti ta' bestjalita', brutalita' sadizmu jew tortura.

Aktar talli fl-istess dat, lok, hin u cirkostanzi akkwista, xjentement akwista access permezz ta' teknoligiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indecenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta' liema persuna/i ta' taht l-eta' m'ghalqux jew ma ghalqitx l-eta ta' disa' snin u/jew il-paterjal indecenti juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta persuna/i ta' taht l-eta involuti f'atti ta' bestjalita', brutalita', sadizmu jew tortura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-12 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tan-ne bis in idem sollevata mid-difiza in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni. In kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, l-Qorti ddikjarat li mghandiex gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi dwarha stante li r-eat in dizamina ma giex kommess Malta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri anki tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Finalement spjegat fi kliem car lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2016, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata li permezz taghha astjeniet milli tiehu konjizzjoni taz-zewg imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat qua appellat u minflok, wara li tiehu konjizzjoni tal-istess, tghaddi biex issib htija u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Stephen Bonnici esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi nhar il-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), l-esponent Avukat Generali rcieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-atti tal-procedura bl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom gharraguni illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata

tal-Ligi u senjatament tal-Artikoli 5(1), 208A(1), 208(A)(1B) u 527 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta erronjament astjeniet milli tiehu konjizzjoni taz-zewg imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-appellat. Illi in oltre, l-esponent jissottometti wkoll, in linea preliminari, illi s-sentenza appellata hija nulla.

A. **In-nullita' tas-sentenza appellata**

Illi **strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravju segwenti,** kemm –il darba l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* issolevata mid-Difiza, hija kellha **tillibera** lill-imputat qua appellat mill-imputazzjoni de quo, u mhux tasjeni milli tiehu konjizzjoni taghha. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-esponent jishaq, kif del resto qed jissottometti fl-aggravju sussegwenti, illi l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ma tissussistix f'dan il-kaz.

B. **L-ewwel imputazzjoni: l-Artikolu 208A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi fit-trattazzjoni finali taghha d-Difiza ssolevvat l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghal dak illi jirrigwarda l-offiza ravvizata fl-Artikolu 208A(1) tal-Kodici Kriminali u dan ghar-raguni illi d-Difiza targumenta li Stephen Bonnici kien diga' pprocessat mill-awtoritajiet Germanizi ghall-istess agir kriminali illi sussegwentement gie mixli bih quddiem il-Qorti tal-Magistrati gewwa Malta[1]. In sostenn tal-argumentazzjoni taghha, id-Difiza taghmel numru ta' osservazzjonijiet ta' ghalfejn skont hi l-procedimenti kontra l-imputat qua appellat gewwa Malta huma milquta bl-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* hekk kif ikkontemplata fl-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-Difiza tibda billi tosserva illi wara l-arrest tal-imsemmi Bonnici gewwa l-ajruport ta' Frankfurt, gie mitlub ihallas depozitu sabiex jinghata l-helsien mill-arrest[2] u dan, skont ma argumentat id-Difiza, huwa prova fiha nnifisha ta' kif gewwa l-Germanja kien beda l-process kriminali kontra Stephen Bonnici ghall-istess offizi illi wara kien gie mixli bihom gewwa pajjizna;

Illi d-Difiza tkompli targumenta illi kienu l-awtoritajiet Germanizi illi hadu f'idejhom il-process penali kontra l-appellat u li l-awtoritajiet Maltin kienu

[1] A fol. 379 et seq. tal-atti processwali.
[2] A fol. 382 tal-atti processwali.

semplicement mitlubin sabiex jaghmlu analizi ta' CD u li kwindi l-awtoritajiet Maltin intalbu biss assistenza investigattiva mill-Germanja. Illi d-Difiza taghmel ukoll referenza ghall-korrispondenza permezz ta' *email* illi nbghatet minnha lill-ufficjal investigattiv gewwa l-Germanja Tobias Knack fejn dan informa lill-istess kif il-procedimenti penali gewwa l-Germanja kontra Stephen Bonnici kienu gew milquta mill-preskrizzjoni u li l-*file* kontra l-imputat qua appellat gewwa l-Germanja nghalaq fil-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014)[3]. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, id-Difiza tecepixxi n-*ne bis in idem* u dan ghaliex skont hi l-proceduri penali kontra Stephen Bonnici gewwa l-Germanja kienu inbdew u kienu nghalqu wkoll[4] in kwantu gew preskritti bil-ligi penali Germaniza u dan hekk kif jirrizulta **mill-email li ntbghatet minn Tobias Knack** hekk kif isemma' iktar 'il fuq f'dan ir-rikors ta' appell;

Illi f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni hekk kif immexxija mill-Ispettur Graziella Muscat, issottomettiet illi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti tal-kawza in dizamina, dak argumentat mid-Difiza fuq in-*ne bis in idem* ma jirrizultax anzi kienu propju l-awtoritajiet Germanizi illi minkejja illi bdew **proceduri ta' investigazzjoni** kontra l-imputat qua appellat gewwa l-Germanja, sussegwentement hallew f'idejn l-awtoritajiet Maltin sabiex jibdew **proceduri kriminali** kontra Stephen Bonnici gewwa pajjizu fir-rigward tal-materjal indicenti fuq minuri illi dan inqabad igorr fil-bagalja tieghu gewwa l-ajruport ta' Frankfurt;

Illi wara li kkunsidrat l-argumentazzjoni u l-provi mressqa kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza, l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet billi tastjeni milli tiehukonjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra Stephen Bonnici u din id-decizjoni hija fl-umli fehma tal-esponent **manifestament zbaljata u mhux biss ghaliex tammonta ghall-interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-Ligi izda ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti naqset b'mod lampanti milli taghmel apprezzament korrett tal-provi kollha migjuba f'dan ir-rigward u b'mod specjali tad-dokumentazzjoni li tinsab fl-atti;**

[3] A fol. 376 tal-atti processwali.
[4] A fol. 384 tal-atti processwali.

Illi l-principju legali tan-*ne bis in idem* fil-Ligi nostrana huwa kristalizzat kemm fil-Kodici Kriminali u cioe' permezz tal-Artikolu 527 kif ukoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta senjatament fl-Artikou 39(9) tal-imsemmija Kostituzzjoni u dan minhabba n-natura tieghu ta' dritt fundamentali. Bhala principju, in-*ne bis in idem* jassikura illi persuna illi tkun ghaddiet minn process kriminali dwar reat, ma tergax tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom f'dak l-ewwel process. Huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali jehtieg illi jigi ppruvat li **(i)** il-persuna tkun giet mixlija quddiem awtorita' gudizzjarja sabiex twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom **tkun diga' wiegbet quddiem Qorti kompetenti**; u **(ii)** l-ewwel proceduri ghaddew **in gudikat b'sentenza** ta' Qorti kompetenti kemm jekk l-ezitu ta' dawn il-proceduri kien gudizzju ta' htija kemm jekk tkun decizjoni ta' liberatorja[5];

**Illi kwindi huwa principju ben assodat illi l-principju tan-*ne bis in idem* timplika tabilfors illi l-ewwel u qabel kollox ikun hemm decizjoni ta' Qorti kompetenti u cioe' sentenza li tghaddi in gudikat u li kwindi saret *res judicata*. Kwalsiasi pronunzjament iehor li ma jammontax ghall-sentenza moghtija minn Qorti kompetenti ma tista' qatt twassal sabiex tigi eccepita n-*ne bis in idem* b'mod korrett u dan ghaliex irid ikun hemm tabilfors sentenza jew decizjoni li tiswa u din id-decizjoni ma tista' tkun ta' l-ebda awtorita' ohra jekk mhux ta' Qorti kompetenti![6] Dan l-insenjament johorg ukoll b'mod car mid-dicitura tal-Ligi stess, kemm tal-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll minn dak ipprovdut fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:**

---

[5] Il-Pulizija vs. Magrin Nicolai (Prim'Awla tal-Qorti Civili Gurisdizzjoni Kostituzzjonali. 26.3.09); Il-Pulizija vs. Azzopardi George (Qorti tal-Appell Kriminali. 23.1.14); Vella Francis vs. Avukat Generali (Qorti Prim' Awla 29.9.09); Il-Pulizija vs. Micallef John (Prim' Awla. 28.2.07); Il-Pulizija vs. Eugenio Said (Qorti tal-Appell Kriminali. 28.5.1993).

[6] Il-Pulizija vs. Magrin Nicolai (Prim'Awla tal-Qorti Civili Gurisdizzjoni Kostituzzjonali. 26.3.09); Il-Pulizija vs. Azzopardi George (Qorti tal-Appell Kriminali. 23.1.14); Vella Francis vs. Avukat Generali (Qorti Prim' Awla 29.9.09); Il-Pulizija vs. Micallef John (Prim' Awla. 28.2.07); Il-Pulizija vs. Eugenio Said (Qorti tal-Appell Kriminali. 28.5.1993).

Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali:

Wara **sentenza** li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra (emfasi tal-esponent).

Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

Ebda persuna li turi li tkun **ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun misjuba hatja jew illiberata** ma ghandha terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal reat kriminali iehor li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' qorti superjuri moghtija matul il-kors tal-appell jew proceduri ta' revizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi procedure ghal reat kriminali jekk turi lit kun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat (emfasi tal-esponent).

Illi jekk wiehed ihares lejn dak illi jipprovdi l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali wiehed jista' mill-ewwel jirrileva illi dak illi kellu f'mohhu l-legislatur huwa xenarju ta' fejn persuna li tkun **issentenzjata** minn Qorti kompetenti titressaq sabiex terga' twiegeb ghall-reat/i iehor/ohra illi johrog/u mill-istess fatti. Fl-umli fehma tal-esponent dan juri b'mod car illi hawnhekk il-ligi titkellem dwar sentenza ta' Qorti u **ghalhekk mhux kull pronunzjament jew dikjarazzjoni** jaghti/taghti lok ghan-*ne bis in idem.* Bl-istess mod, l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar 'proceduri quddiem Qorti kompetenti' u kwindi jkun kollu ta' xejn ghall-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* jekk ma jigix ippruvat illi dik il-persuna li qeda teccepixxi din id-difiza f'proceduri illi ttiehdu kontrieha tkun diga' precedentement giet **ipprocessata** fl-ewwel proceduri fuq l-istess fatti/l-istess reat minn **Qorti kompetenti** li tat **sentenza** ta' htija jew liberatorja skont il-kaz u li tkun ghaddiet **in gudikat;**

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji legali ghall-kaz in dizamina, l-esponent jinsab ferm perpless ta' kif l-ewwel Qorti naqset milli tosserva kif **minn imkien** fl-atti processwali tal-kawza in dizamina ma jirrizulta illi Stephen Bonnici gie pprocessat il-Germanja minn Qorti kompetenti **b'sentenza li ghaddiet in gudikat!** Infatti, b'rabta ma' dan naraw kif fit-trattazzjoni taghha d-Difiza tibbaza l-argumentazzjoni taghha fuq il-fatt illi kien diga' pprocessat gewwa l-Germanja, **semplicement fuq email** fejn l-ufficjal investigattiv Tobias Knack qieghed jiddikjara li l-kaz kontra Stephen Bonnici nghalaq gewwa l-Germanja in kwantu milqut fl-istituzzjoni tal-preskrizzjoni:

Ghar-rigward tal-proceduri kriminali nista' nghidlek illi l-file kontra s-Sur Bonnici nghalaq fil-5 ta' Jannar 2014 minhabba l-preskrizzjoni (5 snin). **L-awtoritajiet Germanizi ma hadmux fuq dan il-file ghaliex kien mibghut Malta u Bonnici ser ikun ipprocessat hemm** (emfasi tal-esponent).[7]

Illi b'kull dovut rispett, fejn hu l-insenjament tal-Qrati taghna illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* jehtieg illi jkun hemm sentenza jew decizjoni ta' Qorti kompetenti li tkun *res judicata*?! Fl-umli fehma tal-esponent huwa del tutto irrilevanti ai fini tan-*ne bis in idem* fil-kaz in dizamina li jigi determinat jekk il-kaz kontra Stephen Bonnici gewwa l-Germanja kienx preskritt jew le ghaliex anki jekk ghall-grazzja tal-argument il-kaz kien preskritt ai fini tal-ligi penali Germaniza, **xorta jibqa' l-fatt illi ma kinx hemm pronunzjament ta' Qorti kompetenti illi ghaddiet in gudikat f'dan ir-rigward u dan hekk kif jirrikjedi kemm l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.** Fl-umli fehma tal-esponent dan l-argument tad-Difiza kien semplicement tentattiv sabiex tizvija lill-ewwel Onorabbli Qorti minn principji legali li huma ben kristalizzati fil-Ligi taghna liema Ligi ma tatix lok ghall-interpretazzjoni diversa minn dik esposta mill-esponent f'dan ir-rikors ta' appell u kif wara kollox hija ben assodata fil-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna;

**Illi b'mod sussidjarju u minghajr pregudizzju ghal dak illi ghadu kemm semma' l-esponent iktar 'il fuq f'dan ir-rikors ta' appell**, fl-umli fehma tal-esponent dak li

[7] Fol. 376 tal-atti processwali.

qal l-ufficjal investigattiv fl-email tieghu hija wkoll prova cara illi gewwa l-Germanja QATT ma ttiehdu proceduri kriminali quddiem Qorti kompetenti kontra Stephen Bonnici ghar-reati in dizamina. Huwa jispjega kif l-awtoritajiet Germanizi ma komplewx bil-kaz taghhom kontra Stephen Bonnici oltre **l-istadju ta' l-investigazzjoni**[8] ghaliex dan il-kaz ghadda f'idejn l-awtoritajiet Maltin. Qieghed jigi ccarat illi l-awtoritajiet Germanizi QATT ma mexxew kriminalment quddiem Qorti ta' Ligi gewwa l-Germanja u dan ghar-raguni illi l-ftiehem mal-awtoritajiet Maltin kien illi jipprocessawh f'Malta ghar-reati illi huwa wettaq gewwa Frankfurt!

**L-awtoritajiet Germanizi ma hadmux fuq dan il-file ghaliex kien mibghut Malta u Bonnici ser ikun ipprocessat hemm** (emfasi tal-esponent).[9]

Illi fid-dawl ta' dak espost, l-esponent ma jistax jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti donnha kkunsidrat biss dik l-informazzjoni li tirrigwarda l-preskrizzjoni u bhal donnha skartat ghal kollox dik il-parti tal-*email* fejn Tobias Knack qieghed isemmi kif il-*file* waqa' bi preskrizzjoni l-Germanja **ghaliex ma hadmux fuqu peress illi kien mibghut Malta sabiex Stephen Bonnici jkun ipprocessat hemm;**

Illi di piu', tant din id-dikjarazzjoni ta' preskrizzjoni illi abbazi taghha d-Difiza qeda tecepixxi n-*ne bis in idem* ma saritx permezz ta' sentenza ta' Qorti kompetenti hekk kif trid il-ligi illi lanqas biss hemm xejn esebit in atti f'dan is-sens **u cioe' fl-atti processwali ma hemm l-ebda sentenza esebita sabiex tkun tista' titqajjem l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem!*** Huwa risaput illi sabiex tigi eccepita n-*ne bis in idem*, jehtieg illi minn qieghed jaghmel din l-eccezzjoni jressaq il-prova tas-sentenza ta' Qorti li abbazi taghha huwa jkun qieghed jaghmel tali eccezzjoni. F'dan ir-rigward insibu diversi sentenzi tal-Qrati taghna, fejn fosthom fil-kaz tal-*Pulizija (Spettur Joseph Grech) vs. Eugenio Said,* il-Qorti tal-Appell Kriminali[10] sostniet is-segwenti:

---

[8] **U l-fatt illi l-proceduri l-Germanja kontra Stephen Bonnici kienu biss fil-fazi pre-trial u ghalhekk fil-fazi investigattiva jirrizulta wkoll mill-faxxicoli ezibiti in atti bhal per ezempju Dok. GMZ 1 pagna 1 et seq. fejn it-titolu moghti lil dan id-dokument huwa 'UFFICJU TAL-INVESTIGAZZJONI TAD-DWANA TA' FRANKFURT AM MAIN' Fajl tal-Inkjesta li fih PROCEDURI PRELIMINARI kontra Bonnici Stephen.**

[9] Fol. 376 tal-atti processwali.

[10] 28.5.1993

**Meta tinghata l-eccezzjoni tan-ne bis in idem l-ewwel haga li ghandha ssir hi li tigi infilzata fil-process kopja legali tas-sentenza li fuqha tkun qed tigi bbazata din l-eccezzjoni;** u ghandu jirrizulta wkoll mill-korp tas-sentenza l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzjoni li takkolji dik l-eccezzjoni (emfasi tal-esponent).

Illi fid-dawl ta' dan il-principju, ukoll assodat fil-gurisprudenza taghna, l-esponent jerga' ghal darba ohra jtenni l-perplessita' tieghu ta' kif fl-assenza ta' tali prova l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Illi ghalhekk, in succint u fid-dawl tal-fatt illi fl-ewwel lok l-awtoritajiet Germanizi qatt ma pprocessaw lill-appellat u li ghalhekk qatt ma nghatat sentenza jew decizjoni minn Qorti kompetenti gewwa l-Germanja kontra l-appellat ghar-reati illi gie mixli bihom fil-proceduri odjerni u konsegwentement ghar-raguni illi fl-atti processwali qatt ma giet esebita kopja legali ta' sentenza li fuqha tkun qeda tigi bbazata l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni hekk migjuba kontra l-imputat qua appellat billi tilqa' l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*. Il-fatt illi l-proceduri l-Germanja kienu preskritti xejn ma jaffetwa **ghaliex dan il-fatt johrog biss minn email** mibghuta minn Tobias Knack **u mhux minn xi sentenza jew decizjoni ta' Qorti kompetenti kif trid il-Ligi,** senjatament fl-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghal dawn ir-ragunijiet, u ghar-raguni illi mill-fatti tal-kaz ampjament jirrizultaw l-elementi li trid il-ligi sabiex tinstab htija ai termini tal-Artikolu 208A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent jemmen illi ghandha tinstab htija hekk kif imsemmi u li *n-ne bis in idem* ma tapplikax ghal kaz in dizamina.

C. **It-tieni imputazzjoni: l-Artikolu 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u dan ghar-raguni illi skont l-interpretazzjoni illi ghamlet l-istess Qorti tal-imsemmija dispozizzjoni tal-Ligi, din il-ligi ma testendix il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-agir ikkontemplat f'din id-dispozizzjoni jsir barra minn Malta. L-ewwel Onorabbli Qorti abbraccjat ukoll il-linja difensjonali fejn inghad illi lanqas ma hu agir dan imwettaq mill-imputat qua appellat, milqut bl-Artikolu 5(1) tal-Kodici Kriminali:

In oltre bhal ma gjustament irrileva l-abbli difensur tal-imputat waqt it-trattazzjoni finali l-Artikolu 5 tal-Kodici Kriminali ma jinkludix ir-reat in dizamina bhala wiehed minn dawk ir-reati fejn il-Qrati Maltin jitqiesu li ghandhom it-territorjalita (sottolinear tal-esponent).[11]

Illi preliminarjament, l-esponent bl-akbar rispett qieghed ghal darba ohra jirrileva illi din l-interpretazzjoni illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet fir-rigward ta' kemm l-Artikolu 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 5(1) tal-istess Kapitolu hija del tutto zbaljata. Huwa minnu illi bid-differenza tal-Artikolu 208A(1)[12] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 208A(1B)[13] ma jinkludix fid-dictitura tieghu sitwazzjoni ta' meta r-reat isir kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, pero dan ma jfissirx illi l-legislatur hawnhekk b'xi mod ried jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minn sitwazzjonijiet ta' fejn bhal fil-kaz in dizamina, l-agir kriminali kien imwettaq barra minn Malta;

[11] Pagna 5 tas-sentenza appellata.

[12] (1) Kull ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li tagħmel jew tipproduċi jew tippermetti li jiġi magħmul jew prodott xi materjal ndeċenti jew tipproduċi, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegħ, tissupplixxi, tittrasmetti, tagħmel disponibbli, takkwista għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, jew turi dak il-materjal indeċenti tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija minn tnax-il xahar sa ħames snin.

[13](1B) Kull persuna li takkwista, xjentement takkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew ikollha fil-pussess tagħha, xi materjal indeċenti li juri, jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-età, tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin.

Illi di piu', jigi rilevat illi mhux minnu illi l-Artikolu 5(1) tal-Kodici Kriminali jeskludi l-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna ghal dak illi jirrigwarda l-Artikolu 208A(1B) u dan ghaliex senjatament l-Artikolu 5(1)(i) jestendi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghal dawk ir-reati li jkunu jikkostitwixxu reat ukoll meta dawn isiru barra minn Malta:

Bla ħsara għal kull disposizzjoni speċjali oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tagħti ġurisdizzjoni lill-qrati f'Malta biex jiġġudikaw reati, l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta, skont il-liġijiet tagħha:

(i) kontra kull min jagħmel reat li, b'disposizzjoni espressa tal-liġi, jkun jikkostitwixxi reat ukoll meta jsir barra minn Malta.

Illi mill-fatti tal-kaz u mill-provi prodotti jirrizulta illi Stephen Bonnici inqabad gewwa l-ajruport ta' Frankfurt b'materjal pornografiku illi jirrigwarda minuri u dan gie mizmum taht arrest gewwa l-Germanja abbazi tal-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 184b tal-Kodici Penali Germaniz liema ligi tghid is-segwenti:

(1) Whosoever:

(i) Disseminates

(ii) Publicly displays, presents, posts, or otherwise makes accessible; or

(iii) Produces, obtains, supplies, stocks, offers, announces, commends or undertakes to import or export

Pornographic material (section 11, sub-section 3) related to sexual activities performed by, on or in the presence of children (section 176, sub-section 1)(child pornography) in order to use it or copes thereof within the meaning of numbers 1 or 2 above or facilitates its use by another person shall be liable to imprisonment from three months to five years.

(2) Whosoever undertakes to obtain possession of child pornography reproducing an actual or realistic activity for another person shall incur the same penalty.

(3) In cases under sub-section 1 or sub-section 2 above the penalty shall be imprisonment of six months to ten years if the offender acts on a commercial basis or as a member of a gang whose purpose is the continued commission of such offences and the child pornography reproduces an actual or realistic activity.

(4) Whosoever undertakes to obtain possession of child pornography reproducing an actual or realistic activity shall be liable to imprisonment of not more than two years or a fine. Whosoever possess the written materials set forth in the first sentence shall incur the same penalty.

(5) Sub-sections 2 and 4 above shall not apply to acts that exclusively serve the fulfillment of lawful or professional duties.

(6) In cases under sub-section 3 above, section 73d shall apply. Objects to which an offence under sub-section 2 or 4 above relates shall be subject to a deprivation order. Section 74a shall apply.[14]

Illi l-agir punibbli taht l-Artikolu in dizamina u cioe' l-Artikolu 208A(1B) tal-Kodici Kriminali taghna huwa espressament ikkontemplat fid-dispozizzjonijiet tal-Kodici Penali Germaniz hekk kif jidher u kwindi jikkostitwixxi reat ukoll meta dan isir barra minn pajjizna. B'rabta ma' dan kwindi, ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 208A(1B) tal-Kodici Kriminali jaghti gurisdizzjoni lill-Qrati taghna ai termini tal-Artikolu 5(1)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan allavolja ma jaghmilx l-istess kwalifika illi jaghmel l-Artikolu 208A(1), u dan in kwantu dak li huwa pprojbit tahtu huwa wkoll sanzjonabbli bhala reat kriminali taht il-Kodici Penali Germaniz;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghar-raguni illi mill-atti processwali ampjament jirrizultaw kemm l-elementi li trid il-Ligi sabiex tinstab htija ai termini tal-Artikolu 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-provi kollha sal-grad rikjest mil-ligi, l-esponent jemmen illi ghandha tinstab htija hekk kif imsemmi.

Ikkunsidrat,

[14] Fol. 37 Dok GMZ1 pagna numru 2.

Illi preliminarjament l-Avukat Generali jissolleva n-nullita tas-sentenza appellata billi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex laqghet l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni hija kellha tghaddi ghal liberatorja ta'l-appellat u mhux tghaddi ghall-astenzjoni.

Illi l-lanjanzi ewlenin imressqa mill-Avukat Generali, u li din il-Qorti hija tal-fehma li ghandhom jigu determinati qabel kull konsiderazzjoni ohra dwar il-pregudizzjali sollevata, huma marbuta mad-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fejn din laqghet l-eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar in-*ne bis in idem* u ukoll fejn gie deciz mill-Ewwel Qorti illi hija ma kellhiex il-gurisdizzjoni titratta it-tieni imputazzjoni stante illi r-reat gie kommess fil-Germanja u mhux Malta u ghalhekk hemm il-limitazzjoni tat-territorjalita'.

**a. L-eccezzjoni ta' *ne bis in idem***

Illi l-principju tan-*ne bis in idem* jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioe' fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum bis-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-principju jinsab imhaddan ukoll fl-artikolu 50 tac-Charter of Fundamental Rights of the European Union, (12 December 2007 (OJ 14.12.2007, C 303/1), li jaqra hekk:

"No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings for an offence for which he or she has already been finally acquitted or convicted within the Union in accordance with the law."

Illi ukoll l-artikolu 54 tal-Konvenzjoni Schengen (14 June 1985 the Convention for the Implementation of the Schengen Agreement") jistipula:

"A person whose trial has been finally disposed of in one Contracting Party may not be prosecuted in another Contracting Party for the same acts provided that, if a penalty has been imposed, it has been enforced, is actually in the process of being enforced or can no longer be enforced under the laws of the sentencing Contracting Party."

Dan il-principju ihares id-dritt fondamentali tal-bniedem milli jigi sottopost ghal process gudizzjarju iktar minn darba ghall-istess reat. Madanakollu hemm

distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminali u dak imhares mill-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma' dak dikjarat fir-raba artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni.

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;

"***Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra***."

Dana jippostula zewg elementi importanti u cioe' fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jigi illiberat mill-akkuzi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat.

"it-test biex wiehed jistabilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem,* huwa dak citat mill-istess appellat fil-kawza "**Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea"** [15.6.1918] u cioe' fejn intqal li :

"*un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."***[15]

Illi ghalkemm f'dina is-sentenza l-eccezzjoni giet michuda, madanakollu l-akkuzat f'dik il-kawza sussegwentment ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn hemm il-Qorti iddecidiet illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu meta gie sottopost ghall-proceduri godda dwar l-istess reati li dwarhom kien gie precedentement akkuzat u illiberat mill-qorti. Illi s-sentenza taghmel esposizzjoni tajba ta' dana il-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali.[16]

[15] Qorti ta'l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Nicolai Magrin

[16] Ara sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin deciza is-26 ta' Marzu 2009.

"... Il-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor **dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process**. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."

Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding ghar-rigward tat-thaddim tar-regola *ne bis in idem*: *"The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*

Illi ghalhekk kif gie sottolinjat iktar 'il fuq fis-sentenza citata l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun ghaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inhelset mill-akkuza u sew jekk tkun instabet hatja) ma tista' terga' titressaq mixlija fi proceduri ohrajn dwar dak ir-reat jew xi reat iehor li ghalih setghet instabet hatja fl-ewwel procediment.

Illi imbaghad l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, li jifforma parti mil-ligi ta' Malta, jipprovdi li hadd ma jista' jigi pprocessat jew ikkastigat ghal darba ohra fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun gie ipprocessat (kemm jekk ikun inheles kif ukoll jekk ikun instab hati) skond il-ligi u l-procedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jaghmel eccezzjoni fil-kaz li, skond il-ligi u l-procedura penali ta' xi Stat, kaz jista' jerga' jinfetah jekk ikun hemm provi ta' fatti godda li jkunu ghadhom kif irrizultaw, jew jekk fl-ewwel procediment ikun sehh xi "vizzju fondamentali", li f'kull kaz minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolgi l-kaz.

Illi il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet Sergey Zolotukhin vs Russja moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

*"takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings"*

Illi il-gurisprudenza identifikat dawn l-elementi biex jista' jinghad li tali jedd ikun inkiser: (i) tehid ta' proceduri jew l-ghoti ta' piena mill-gdid; (ii) fi procediment kriminali; (iii) ghal reat li dwaru tkun diga' nghatat decizjoni finali; (iv) fl-istess gurisdizzjoni; u (v) skond il-ligi u l-procedura ta' dak il-pajjiz. L-ghan ewlieni ta' dan l-artikolu huwa ghalhekk dak li jzomm milli ssir ripetizzjoni fl-istess Stat ta' proceduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'decizjoni finali.[17]

Illi kif inghad bis-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja din il-kwistjoni ta' territorjalita' giet imwessa sabiex il-gurisdizzjoni ma hijiex limitata biss ghall-Istat

[17] Il-Pulizija vs John Micallef – Prim'Awla kost. 28/02/2007

Membru li fih ikun inbeda tali procediment, izda anke l-Istati Membri l-ohra fejn allura il-principju tan-*ne bis in idem* gie rikonoxxut bhala principju fundamentali tal-ligi kommunitarja fejn allura il-Qorti Ewropeja fi procedimenti kriminali ta' koperazzjoni bejn l-Istati Membri tat din l-interpretazzjoni ta'l-*Idem*:

**"27. In the first place, however, the wording of Article 54 of the CISA, *(hawn fuq iccitat)* 'the same acts', shows that that provision refers only to the nature of the acts in dispute and not to their legal classification.**

**28. It must also be noted that the terms used in that Article differ from those used in other international treaties which enshrine the *ne bis in idem* principle. Unlike Article 54 of the CISA, Article 14 § 7 of the International Covenant on Civil and Political Rights and Article 4 of Protocol No. 7 to the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms use the term 'offence', which implies that the criterion of the legal classification of the acts is relevant as a prerequisite for the applicability of the *ne bis in idem* principle which is enshrined in those treaties.**

**...**

**30. There is a necessary implication in the *ne bis in idem* principle, enshrined in that Article, that the Contracting States have mutual trust in their criminal justice systems and that each of them recognises the criminal law in force in the other Contracting States even when the outcome would be different if its own national law were applied ([Case C-385/01] *Gözütok and Brügge* [[2003] ECR I-1345], paragraph 33).**

**31. It follows that the possibility of divergent legal classifications of the same acts in two different Contracting States is no obstacle to the application of Article 54 of the CISA.**

**32. For the same reasons, the criterion of the identity of the protected legal interest cannot be applicable since that criterion is likely to vary from one Contracting State to another.**

**33. The above findings are further reinforced by the objective of Article 54 of the CISA, which is to ensure that no one is prosecuted for the same acts in several Contracting States on account of his having exercised his right to freedom of movement (*Gözütok and Brügge*, paragraph 38, and Case C-469/03 *Miraglia* [2005] ECR I-2009, paragraph 32).**

**34. As pointed out by the Advocate General in point 45 of his Opinion, that right to freedom of movement is effectively guaranteed only if the perpetrator of an act knows that, once he has been found guilty and served his sentence, or, where applicable, been acquitted by a final judgment in a member State, he may travel within the Schengen territory without fear of prosecution in another member State on the basis that the legal system of that member State treats the act concerned as a separate offence.**

**35. Because there is no harmonisation of national criminal laws, a criterion based on the legal classification of the acts or on the protected legal interest might create as many barriers to freedom of movement within the Schengen territory as there are penal systems in the Contracting States.**

**36. In those circumstances, the only relevant criterion for the application of Article 54 of the CISA is identity of the material acts, understood in the sense of the existence of a set of concrete circumstances which are inextricably linked together.**

**...**

**38. ... the definitive assessment in that regard belongs ... to the competent national courts which are charged with the task of determining whether the material acts at issue constitute a set of facts which are inextricably linked together in time, in space and by their subject matter[18].”**

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali u gurisprudenzjali dwar il-ligijiet kollha fis-sehh fil-qafas legislattiv ta' pajjizna, jidher mill-atti processwali illi dak li huwa migjub ghal gudizzju ta' din il-Qorti mhuwiex daqstant l-kwistjoni dwar l-*idem* billi huwa indubitat illi l-kaz li gie trattat mill-awtoritajiet investigattivi tedeski kien

[18] (*Leopold Henri Van Esbroeck*, Case C-436/04, 9 March 2006)

jitratta proprju l-istess fatti u ukoll l-istess reati kif imfassla fid-dritt penali taghna u cioe' it-tixrid u il-pussess tal-pornografija koncernanti minuri. Dak illi wassal lill-Ewwel Qorti tilqa' din l-eccezzjoni imqanqla mid-difiza kienet il-fatt illi fil-fehma ta' dik il-Qorti il-gudizzju li wasal ghalih l-Prosekutur Pubbliku gewwa l-Germanija illi l-ebda azzjoni penali ma setghet tittiehed il-Germanja billi r-reat kien gie preskritt taht il-ligi taghhom bid-dekors ta'hames snin u allura l-kaz gie maghluq, kienet ekwivalenti ghal pronunzjament gudizzjarju li titkellem dwaru il-ligi.

Illi din il-Qorti ghalhekk kellha necessarjament tqies id-dritt procedurali penali fil-Germanja sabiex tara jekk fil-fatt kienx inbeda il-process penali kontra l-appellat fil-Germanja u jekk il-fatt illi l-kaz inghalaq minhabba kwistjoni ta ' preskrizzjoni kienx jammonta ghal decizjoni finali fuq il-kaz. Izda qabel xejn din il-Qorti tosserva dak li sahhqet il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi:

*" the Court reiterates that Article 4 of Protocol No. 7 is not confined to the right not to be punished twice but extends to the right not to be prosecuted or tried twice (see Franz Fischer, cited above, § 29). Were this not the case, it would not have been necessary to add the word "punished" to the word "tried" since this would be mere duplication. Article 4 of Protocol No. 7 applies even where the individual has merely been prosecuted in proceedings that have not resulted in a conviction. The Court reiterates that Article 4 of Protocol No. 7 contains three distinct guarantees and provides that no one shall be (i) liable to be tried, (ii) tried or (iii) punished for the same offence (see Nikitin, cited above, § 36) – Sergey Zolotukhin vs Russia (application no.14939/03 10/02/2009).*

Issa mill-atti processwali jidher illi l-appellat gie arrestat gewwa l-ajruport ta' Frankfurt il-Germanja u dan billi fil-pussess tieghu instab, fost affarijiet ohra, materjal pornografiku ta' tfal taht l-eta. Mal-arrest tieghu fil-05 ta' Jannar 2009 l-appellat gie muri li kellu fil-pussess tieghu dan il-materjal kif ukoll medicina relatati mal-*body building* kif ukoll sikkina zghira li kollha gew issekwestrati mill-awtoritajiet germanizi. L-appellat gie infurmat bid-drittijiet tieghu skont il-ligi u kien assistit minn avukat. Gie deciz illi jekk l-appellat ihalli warajh l-oggetti kolllha li instabu fil-pussess tieghu u ihallas depozitu ta' flus bhala garanzija ghall-pieni u spejjez li kienu

ser jigu inkorsi fil-process penali kontra tieghu, huwa jithalla jirritorna Malta. Jidher illi l-appellat accetta dak il-hin li jhallas il-*bail bond* u telaq mill-Germanja.

Illi l-artikolu 127 tal-kodici tal-procedura penali tedeska jiddisponi hekk:

**[Provisional Arrest] (1) If a person is caught in the act or is being pursued, any person shall be authorized to arrest him provisionally, even without judicial order, if there is reason to suspect flight or if his identity cannot be immediately established. The establishment of the identity of a person by the public prosecution office or by officials in the police force shall be governed by Section 163b subsection (1). (2) Furthermore, in exigent circumstances, the public prosecution office and officials in the police force shall be authorized to make a provisional arrest if the prerequisites for issuance of a warrant of arrest or of a committal order have been fulfilled. (3) In the case of a criminal offence which can only be prosecuted upon application, provisional arrest shall also be admissible where no application has yet been filed. This shall apply mutatis mutandis if a criminal offence may be prosecuted only with authorization or upon request for prosecution.**

Jidher illi minn dan il-mument il-kaz beda jigi mistharreg mill-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Regjonali ta' Frankfurt am Main fil-Germanja u dan sabiex jigi indagat jekk kellhomx jittiehdu proceduri penali quddiem qorti fil-konfront ta'l-appellat. Dawn l-indagini, fis-sistema inkwizitorjali tedeska, jiehdu forma ta' proceduri preliminari u allura l-ebda akkuza tkun ghada ma inharrget fil-konfront tal-persuna suspettata. Jidher illi fil-kaz in dizamina dawn l-indagini gew sospizi meta jidher illi l-kaz gie mibghut lill-pulizija Maltija sabiex dawn ikomplu bl-investigazzjonijiet ghaliex l-esperti forensici gewwa l-Germanja xtaqu jikkonfermaw jekk l-appellat kienx jidher fil-videos issekwestrati. Il-file intbaghat Malta u inbdew l-investigazzjonijiet mill-pulizija maltija fejn fuq talba maghmula mill-awtoritajiet germanizi sabiex il-kaz jinstema Malta, allura inharrgu l-akkuzi odjerni fil-konfront ta'l-appellat u is-smigh tal-kaz inbeda fis-06 ta' Dicembru 2012. Jidher illi matul il-kors tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti intbaghtu diversi ittri rogatorji lill-Ufficju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Germanja minn fejn jirrizulta illi inbeda il-process preliminari ta'

investigazzjoni kontra l-appellat imexxi mill-Prosekutur Pubbliku ta' Frankfurt. Illi fuq mistoqsija li saret lil certu Tobias Knack, Chief Customs Inspector fl-Ufficju tad-Dwana gewwa Frankfurt, dwar l-stadju li fih wasal il-process penali kontra l-appellat gewwa il-Germanja, Knack iwiegeb hekk:

***"Regarding the criminal proceedings, I can tell you that the file against Mr. Bonnici was closed on the 5th January 2014 because of the limitation of time (5 years). <u>German authorities didn't work on this file</u> because it was sent to Malta and Bonnici will get proceedings there."***

Illi l-artikolu tal-ligi relevanti ghal process investigattiv li tniehda mill-awtoritajiet germanizi, l-artikolu 160, jipprovdi illi:

**[Investigation Proceedings] (1) As soon as the public prosecution office obtains knowledge of a suspected criminal offence either through a criminal information or by other means it shall investigate the facts to decide whether public charges are to be preferred. (2) The public prosecution office shall ascertain not only incriminating but also exonerating circumstances, and shall ensure that evidence, the loss of which is to be feared, is taken. (3) The investigations of the public prosecution office should extend also to the circumstances which are important for the determination of the legal consequences of the act. For this purpose it may avail itself of the service of the court assistance agency. (4) A measure shall be inadmissible where special provisions regulating its application, being provisions under Federal law or under the corresponding Land law, present an obstacle thereto.**

Wara dan imbaghad:

**[Conclusion of Investigation] If the public prosecution office is considering preferment of public charges, it shall make a note of the conclusion of the investigation in the files.**

**[Conclusion of the Investigation Proceedings] (1) If the investigations offer sufficient reason for preferring public charges, the public prosecution office shall prefer them by submitting a bill of indictment to the competent court. (2) In all other cases the public prosecution office shall terminate the proceedings. The**

**public prosecutor shall notify the accused thereof if he was examined as such or a warrant of arrest was issued against him; the same shall apply if he requested such notice or if there is a particular interest in the notification.**

Illi min dawn ir-rizultazni processwali u minn esposizzjoni tad-dritt tedesk fir-rigward, jirrizulta illi l-procediment penali kontra l-appellat kien jinsab fl-istadji inizjali tal-investigazzjoni mill-prosekutur pubbliku fejn allura lanqas kienu ghadhom inharrgu l-akkuzi kontra l-appellat u il-process quddiem qorti gudizzjarja kien ghadu ma giex inizjat. Dan ghaliex jidher illi kien hemm intendiment bejn l-awtoritajiet investigattivi fil-Germanja u il-pulizija Maltija illi il-kaz kellu jinstema' Malta. Illi allura l-Ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet illi kienu inbdew il-proceduri penali kontra l-appellat gewwa il-Germanja li gew milquta bl-istitut tal-preskrizzjoni u dan ghaliex l-ebda procediment penali quddiem qorti gudizzjarja kien ghadu ma inbeda u meta allura skattat l-investigazzjoni preliminari fil-Germanja l-akkuzi kienu certament ghadhom mhux preskritti. Gara illi fil-frattemp, allura, matul il-kors tal-process penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati f' Malta u ezattament fil-05 ta' Jannar 2014, l-awtoritajiet fil-Germanja ghalqu il-kaz kontra l-appellat stante illi ma setax jinbeda kaz gudizzjarju fil-konfront tieghu billi lahaq ghadda il-perijodu preskrittiv. Il-fatt illi l-perijodu ta' preskrizzjoni baqa' jiddekorri fil-Germanja iktar u iktar jafferma l-fatt illi ebda process penali ma kien ghadu gie ipprezentat fil-konfront ta'l-appellat, ghaliex altrimenti id-dekors taz-zmien kien jigi interrott jew ghal ta'l-inqas sospiz. Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-appellat ma jistax allura iressaq id-difiza tan-*ne bis in idem* billi ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega sabiex tali difiza tigi akkolta. Illi ghalhekk l-aggravvju tal-Avukat Generali jisthoqqlu akkoljiment.

**b. <u>it-tieni imputazzjoni - l-artikolu 208A(1B) tal-Kapitolu 9</u>**

Illi f'dan il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti, l-Avukat Generali jilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet illi din id-disposizzjoni tal-ligi ma tikkontemplax dak ir-reat li jigi kommess barra minn Malta u dan meta

iddecidiet illi d-dicitura adoperata fil-ligi ma testendiex il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin meta l-azzjoni inkriminanti tigi kommess lil hinn minn xtutna.

Illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi il-kwalifika li tezisti ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 208A(1), li allura tqies bhala gudikabbli kull persuna cittadin jew residenti permanenti f'Malta li jikkometti ir-reat anke jekk barra minn Malta, ma hijiex riflessa imbaghad meta il-ligi tikontempla ir-reat previst fl-artikolu 208A(1B) tal-Kap.9, u liema reat huwa ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni. Sahhqet li lanqas il-principju tat-territorjalita' kif imfisser fl-artikolu 5 (1)(i) ma jista' isib applikazzjoni ghal dan ir-reat billi d-dicitura tal-ligi espressament teskludieha.

L-Avukat Generali ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni ghaliex jishaq illi gjaldarba dan ir-reat huwa reat ikkontemplat ukoll fil-ligi penali tal-Germanja u precisament fil-Kodici Kriminali Tedesk fl-artikolu 184b tieghu, allura jidhol fis-sehh l-applikazzjoni ta'l-artikolu 5 (1)(i) tal-Kap.9 li jiddisponi illi:

***"Saving any other special provision of this Code or of any other law conferring jurisdiction upon the courts in Malta to try offences, a criminal action may be prosecuted in Malta against any person who commits an offence which, by express provision of law, constitutes an offence even when committed outside Malta"***

Illi d-dicitura adoperata fit-test Ingliz ta' din id-disposizzjoni taghti t-twegiba ghal kwezit rispost ghal gudizzju ta' din il-Qorti. Dan ghaliex huwa bil-wisq evidenti illi sabiex il-gurisdizzjoni tal-Qorti tigi estiza, irid jezisti dispost espress fil-ligi li iqies l-azzjoni kriminuza bhala reat anke meta dan jigi kommess barra minn Malta, bhal kif hemm espressament legislat fl-artikolu 208A(1). Issa dak li donnu jidher li sfugga kemm lill-Ewwel Qorti kif ukoll lill-partijiet f'din il-vertenza huwa dak mahsub mill-legislatur fl-artikolu 208B(5)(b) fejn hemm espressament dispost hekk:

**Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandhom ukoll ikollhom ġurisdizzjoni fuq l-imsemmija reati meta:**

**(b) il-ħati jkun ċittadin Malti jew resident permanenti f'Malta jew ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' korp magħqud reġistrat f'Malta;**

**(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(d).**

U dan b'referenza ghar-reati indikati fis-sub-inciz (1) ta' din id-disposizzjoni tal-ligi li jinkludi allura ir-reat taht l-iskrutinju tal-Qorti[19]. Issa huwa indubitat illi l-appellat huwa cittadin ta' Malta. Dan il-fatt ma jidhirx li gie rimess in kontestazzjoni. Kwindi b'disposizzjoni espressa tal-ligi, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni titratta mal-appellat ghar-reat ikkontemplata fit-tieni akkuza imressqa kontrieh. Dan ghaliex l-artikolu 5 tal-Kapitolu 9 jikkostitwixxi l-mizura ta' guridizzjoni li l-ligi generali tikkonferixxi fuq il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, minghajr pero ma b'xi mod jipprekludi lill-poter legislattiv ta'l-Istat li b'ligi/ligijiet ohra jikkonferixxi fuq il-Qrati Maltin guridizzjoni penali f'kazijiet jew cirkostanzi ohra li mhumiex koperti mill-artikolu 5, bhalma gara f'dan il-kaz bl-emenda introdotta permezz ta'l-Att XXXI ta'l-2007 li ra it-twelid tal-artikolu 208B hawn fuq iccitat.

Illi meta l-legisaltur kellu f'mohhu jestendi il-gurisdizzjoni tal-qrati maltin dan sehh ghaliex:

"Ilum il-kriminalita` m'hijiex limitata b'territorju. Illum bil-mezzi tal-komunikazzjoni li hawn u bl-iżvilupp li seħħ fil-mezzi tat-trasport, il-kriminalita`, partikolarment dik organizzata, saret internazzjonali u allura jeżistu diversi trattati internazzjonali biex il-pajjiżi bejniethom jissaħħu fil-ġlieda kontra l-kriminalita`, b'koperazzjoni aktar u anke b'poteri li dawn it-trattati internazzjonali jirrikjedu li jiġu introdotti fil-leġislazzjoni domestika.[20]"

Illi meta wiehed qed jitkellem fuq il-pornografija li tinvolvi it-tfal taht l-eta, huwa indiskuss illi dan ir-reat huwa wiehed mifrux fuq livell internazzjonali u mhux cirkoskritt ghat-territorju Malti iktar u iktar illum bl-avvanzi li saru fit-tekonologija u l-informatika. Ikun kontro-sens ghalhekk illi l-applikazzjoni ta'l-artikolu 208A(1B) ikun limitat ghal min jinqabad fil-pussess ta' materjal pornografiku koncernanti

[19] Dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu japplikaw għar-reati taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inklużi, u l-artikolu **208A**(1), (1A), **(1B)**, 208AA u 208AB

[20] (Onor,. Tonio Borg- seduta parlamentari 567 tat-03 ta' Lulju 2001).

minuri hawn Malta meta x-xibka ta' kriminalita hija mifruxa mad-dinja u li l-pulizija b'koperazzjoni bejniethom fuq livell internazzjonali qed ifitxxu biex jeradikaw. Qalet hekk s-Sentencing Advisory Board fl-Ingilterra ghar-rigward ta' dana r-reat: *"Possession of child pornography is not (as some have argued) a victimless offence. Every indecent photograph or pseudo-photograph of a child is, with limited exceptions, an image of a child being abused or exploited. Easy access to the Internet, and other developments in computer technology, have undoubtedly made these offences more prevalent. No-one knows exactly how many offences are committed, although it is clear that those that come to court are only the tip of the iceberg."*

Kwindi anke dan t-tieni aggravvju qed jigi milqugh.

Illi fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-ewwel aggravvju dwar in-nullita tad-decizjoni impunjata sollevata mill-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Generali, tghaddi ghalhekk sabiex tirrevoka d-decizjoni impunjata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-12 ta' Jannar 2016. Tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex hemmhekk tigi trattat u deciza l-kawza fil-mertu.

Edwina Grima

Imhallef